MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 266/2012

**A B f'isimha proprio u f'isem binha l-minuri L G u b'digriet tal-25 ta' Frar 2013 A B giet mahtura bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri L**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi fid-19 ta' Ottubru tas-sena 2001, l-attrici welldet tifel minuri bl-isem ta' L u dank if jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 4270/2001 hawn anness u markat Dok A;
2. Illi mill-att tat-twelid tal-minuri jirrizulta illi meta l-attrici A G irregistrat lil binha, hija rregistrat lil binha fuq missier li sa dakinhar ma kienx maghruf;

3. Illi l-attrici taf illi missier il-minuri L huwa l-konvenut C D;
4. Illi l-attrici tixtieq li tigi stabbilita l-paternita' ta' binha wkoll permezz ta' fatti bhal testijiet genetici;

Talbet ghar-ragunijiet premessi li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, previa kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni :

1. Tiddikjara illi l-konvenut C D huwa l-missier naturali tal-minuri L;
2. Tordna lid-Direttur tat-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni opportuna fic-certifikat tat-twelid tal-minuri L (Att numru 4270/2001) billi fil-kolonna intestata 'isem u kunjom missier it-tarbija', jigi jaqra **C D**; u tordna wkoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghad-dokument ta' l-identita', ghall-eta', ghall-post tat-twelid u ta' residenza, u ghall-isem u kunjom il-missier jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri, jigu indikati kkonsegwentement billi jigu indikati dawk il-partikolaritajiet u cioe' taht il-kolonna 'id-dokument ta' l-identita' jigi jaqra **513581(M)**; taht il-kolonna eta' jigi jaqra **20**; taht il-kolonna 'twieled' jigi jaqra **Pieta', Malta**; taht il-kolonna 'joqghod' jigi jaqra **Marsaxlokk, Malta;** u taht il-kolonna 'isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet' jigi jaqra **J (haj)**;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti minn issa ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi l-esponent jaqbel illi il-minuri L ghandu jigi dikjarat bhala il-wild naturali ta' l-esponent C D;
2. Illi l-esponent jaqbel mat-tieni talba illi ghandha issir il-korrezzjoni necessarja fic-certifikat ta' L (att numru 4270/2001) illi tirrifletti dan l-istat ta' fatt;

3. Illi l-esponent m'ghandux ibati il-kap ta' l-ispejjez ta' dawn il-proceduri stante illi iz-zewg partijiet damu is-snin sabiex jirregolaw dina is-sitwazzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-attrici u cioe' omm il-minuri L G f'isimha proprju kif ukoll bhala kuratrici tal-istess binha l-minuri sabiex ikun hemm bdil fic-certifikat tat-twelid[1] tal-imsemmi minuri fis-sens li dan jibda jindika lill-intimat C D bhala l-missier naturali minflok ma jibqa' bhala wild ta' missier mhux maghruf.

**Il-Mertu tal-Kaz odjern**

Illi permezz tar-rikors promotur u guramentat taghha, r-rikorrenti tghid li l-intimat huwa l-missier naturali tal-minuri L. Terga' tikkonferma dan ukoll permezz tax-xiehda taghha[2] u zzid tghid li meta twieled l-istess minuri kienet ilha mal-intimat ghal madwar sena u nofs. Ir-relazzjoni taghhom spiccat meta kellha madwar xahrejn tqala ghaliex l-intimat beda jkollu dubju dwar il-paternita' tat-tarbija li kienet gejja fid-dinja. Tghid li bghatet ittra lill-istess intimat sabiex imantni lil ibnu imma ma kienx ta kaz u li sussegwentement, sar id-DNA test minkejja li hi qatt ma kellha dubju dwar min kien il-missier tal-istess tarbija. Tispjega li bejn il-partijiet kien hemm problemi relatati mal-manteniment tal-istess minuri u li kienet taqta' qalbha biex

[1] Esebit a fol 4 tal-process
[2] Ara x-xhieda tar-rikorrenti datata l-25 ta' Gunju 2013 esebita a fol 27 tal-process

tintavola l-kawza odjerna pero' wara kollox, il-kwistjoni tal-manteniment m'hijiex il-mertu ta' dawn il-proceduri ghaliex dak li trid tistabbilixxi il-Qorti hu jekk il-minuri huwiex verament il-wild naturali tal-intimat jew le. Kwistjonijiet ta' manteniment u decizjonijiet ancillarji, jigu wara u mhux permezz tas-sentenza odjerna. Ghalhekk, il-kopja tac-cekkijiet mahruga lir-rikorrenti u provi dokumentarji ohra relatati mal-istess u li gew prezentati mill-intimat fil-mori tal-kawza odjerna huma biss prova li verament l-intimat kien jaf li l-minuri huwa ibnu u dan ghaliex kif diga' inghad, kwistjonijiet dwar manteniment imorru lil hinn mill-mertu ta' din il-kawza.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal Dok. GL1[3] u li permezz taghha, r-rikorrenti interpellat lill-intimat sabiex jiehu dawk il-passi necessarji sabiex jirrikonoxxi lill-minuri bhala ibnu. Jigi rilevat li tali ittra hija biss ittra legali interpellatorja u mhux ittra ufficjali.

Min-naha tieghu, l-istess intimat jaqbel li l-istess minuri huwa l-wild naturali tieghu u li ghalhekk hemm lok li jkun hemm bdil fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri.

Il-Qorti tirrileva li permezz ta' *test* xjentifiku[4] ir-rikorrenti rnexxielha tipprova bl-aktar mod assolut li l-minuri L huwa verament il-wild naturali tal-intimat. It-test xjentifiku huwa l-prova regina dwar il-paternita' u ftit taghmel differenza x'jghidu l-partijiet, ghalkemm jinghad li anke l-partijiet stess jaqblu li l-istess minuri huwa wild l-intimat. Ghaldaqstant, il-provi kollha migjuba quddiem din il-Qorti juru bl-aktar mod car u inekwivoku li l-minuri huwa l-wild naturali tal-intimat.

Jidher li l-uniku aspett li l-partijiet m'humiex qed jaqblu fuqu huwa l-kap tal-ispejjez. Ir-rikorrenti tikkontendi li l-intimat qatt ma ried jirrikonoxxi lill-minuri bhala l-wild tieghu u li kieku ta kaz tal-interpellazzjonijiet da parti taghha, anke dawk verbali, kieku ma kienx ikollha tintavola l-kawza odjerna. Li kieku l-intimat intavola ittra

[3] Esebita a fol 43 tal-process
[4] Esebit a fol 33 tal-process

ufficjali, kieku l-ispejjez relatati mal-kawza odjerna ma kienux jigu rinkorsi u huwa ghalhekk li l-istess rikorrenti tikkontendi li l-ispejjez ghandhom jithallsu mill-intimat. Min-naha l-ohra l-intimat jikkontendi li m'ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza odjerna ghaliex fuq kollox ir-rikorrenti damet snin sabiex tintavola l-kawza odjerna u li wara tali snin fejn hadet il-beneficcji socjali relattivi ghaliex l-istess wild kien dikjarat bhala l-wild ta' missier mhux maghruf, ma tistax tigi issa, wara numru ta' snin u tikkontendi li m'ghandhiex tbati l-ispejjez gudizzjarji. Il-Qorti tirrileva li jirrizulta car li kien hemm intransigenza da parti tal-intimat biex jirrikonoxxi lill-minuri bhala ibnu izda min-naha l-ohra r-rikorrenti kaxkret saqajha u damet snin twal biex intavolat il-kawza odjerna. Ghalhekk jidher car li kien hemm nuqqasijiet da parti taz-zewg partijiet u konsegwentement huwa gust u ekwu li l-ispejjez relattivi ghandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi <u>tilqa'</u> t-talbiet attrici u konsegwentement:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-intimat C D huwa l-missier naturali tal-minuri L;

(2) Tilqa' t-tieni talba hekk kif dedotta billi tordna d-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet necessarji fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri L bin-numru 4270/2001 billi fil-kolonna ntestata 'isem u kunjom missier it-tarbija' jitnizzel isem u kunjom l-intimat C D li ghandu l-karta tal-identita' numru 513581M, iben J D li fiz-zmien tat-twelid tal-minuri kien haj, l-eta' li kellu l-intimat meta twieldet il-minuri kienet dik ta' ghoxrin (20) sena, huwa mwieled il-Pieta' u meta twieldet l-istess minuri kien residenti f'Marsaxlokk. Kunjom il-minuri ghandu jkun dak ta' D B.

Bl-ispejjez jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------